MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2010

Numru. 60/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**
**Joseph Refalo bin John u Maria nee' Gauci, imwieled fil-31 ta' Ottubru, 1972 u residenti The Duke of Cambridge, Flat 15, Triq ir-Repubblika, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' numru 26372(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Refalo li gie akkuzat talli nhar il-21.10.2009 u fil-jiem ta' wara din id-data fir-raba maghruf bhala l-Fgura limiti tal-Gharb, Ghawdex:

1) Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex jezercita’ jedd li jippretendi li ghandu fixkel lil Lawrence Axiaq fil-pussess ta’ hwejgu;
2) Bi hsara kontra tas-sid jew detentur ghamel vjolazzjoni kontra l-propjeta’ ta’ haddiehor;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;
Illi mill-provi mismugha jirrizulta illi l-hajt il-gdid li tela’, tela’ fuq il-bazi tal-hajt tas-sejjieh li kien ezistenti u l-imputat gholla l-istess hajt. Ma jirrizultax ghalhekk illi f’xi hin l-parti leza tilef il-pussess ta’ hwejgu. Fil-fatt il-partijiet illum lahqu transazzjoni u dana kif jirrizulta mid-dokument ‘JR’;

Illi dwar il-fatt illi l-haddiema ta’ Joseph Refalo dahlu momentarjament fil-proprjeta’ tieghu biex jibnu l-hajt, il-kwerelant ma semma’ xejn minn dan fix-xhieda tieghu u jirrizulta illi l-ilment tieghu kien biss dwar il-proprjeta’ tal-hajt kif jirrizulta anki mill-affidavit ta’ PS 1233 John Attard;

Ghaldaqstant l-akkuzi ma jirrizultawx ippruvati u l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------